

RAPPORT**fuq il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija ta' l-Ambjent Ewropew għas-sena finanzjarja
2003 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija****WERREJ**

	<i>Paragrafi</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI	1	24
L-OPINJONI TAL-QORTI	2-5	24
OSSERVAZZJONIJIET	6-8	24
Tabelli 1 sa 4		25
Ir-risposti ta' l-Aġenzija		29

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija ta' l-Ambjent Ewropew (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") kienet imwaqqfa bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 ⁽¹⁾. Hija responsabbli għall-istabbiliment ta' network ta' osservazzjoni li jipprovdi informazzjoni ta' min joqgħod fuqha lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u, b'mod iktar ġenerali, lill-pubbliku fuq l-istat ta' l-ambjent. Din l-informazzjoni għandha, b'mod partikolari, tippermetti l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri sabiex jieħdu azzjoni biex jissalvagwardjaw l-ambjent u jevalwaw l-effettività ta' din l-azzjoni. *Tabella 1* tiġbor fil-qosor il-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li tat.

L-OPINJONI TAL-QORTI

2. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽²⁾.

3. Il-Qorti eżaminat il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003. Skond l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90, il-baġit kien implimentat taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-fassil u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ⁽³⁾, skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji interni adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90. Il-Qorti ta' l-Awdituri hija meħtieġa teżamina dawn il-kontijiet taħt l-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbli l-Komunità Ewropea.

4. Il-Qorti wettqet il-verfika tagħha skond il-politika u l-istandards tal-verfika tagħha, li huma adattati minn standards internazzjonali tal-verfika ġeneralment aċċettati sabiex jirriflettun n-natura speċifika tal-kontest tal-Komunità. Il-Qorti applikat

testijiet bħal dawn fuq ir-reġistri tal-kontijiet u applikat proċeduri oħra bħal dawn li hija kkunsidrat neċessarji fiċ-ċirkustanzi.

5. Għaldaqstant il-Qorti kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2003 huma ta' min joqgħod fuqhom u li t-transazzjonijiet ta' bażi, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari. Il-kontenut ta' l-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġix f'diskussjoni l-opinjoni ta' verifika espressa mill-Qorti f'dan ir-Rapport.

OSSERVAZZJONIJIET

6. L-implimentazzjoni ta' l-appropriazzjonijiet fis-sena finanzjarja 2003 u ta' l-appropriazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel hija murija fit- *Tabella 2* ⁽⁴⁾. Il-kont tad-dħul u n-nefqa u l-karta tal-bilanċ għas-sena finanzjarja 2003 huma ppreżentati fil-qosor fit-*Tabelli 3 u 4*.

7. Kuntrarju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija ⁽⁵⁾, l-ordnijiet ta' l-irkupru mhumiex maħruġa fuq bażi sistematika meta t-talbiet huma stabbiliti. Dan kien il-każ għat-talbiet li ammontaw għal 2 539 000 euro matul is-sena finanzjarja, li 1 472 000 euro minnhom kienu diġà miġbura.

8. Id-dikjarazzjonijiet ta' seba' kontijiet tal-bank ta' l-Aġenzija ma kienux jaqblu mal-bilanċi korrispondenti fil-kontijiet matul is-sena 2003. Ir-rikonċiljazzjoni għandha issir kull xahar u d-dettalji għandhom ikunu mogħtija lill-persuna responsabbli fl-amministrazzjoni.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħat tal-Qorti tad-29 u tat-30 ta' Settembru 2004.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Juan Manuel FABRA VALLÉS
President

⁽¹⁾ ĠU L 120, tal-11.5.1990.

⁽²⁾ ĠU L 248, tas-16.9.2002, pġ. 1.

⁽³⁾ Kif meħtieġ taħt l-Artikolu 13(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90, il-kontijiet finali tad-dħul u l-infiq kollu ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2003 tlestew fis-6 ta' Awissu 2004 u kienu mibgħuta lill-Qorti ta' l-Awdituri. Il-Qorti rċeviethom fit-22 ta' Settembru 2004. Verżjoni mqassra tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji hija ppreżentata fit-tabelli annessi ma' dan ir-rapport.

⁽⁴⁾ It-tabelli kollha f'dan ir-rapport ġew imfassla fuq il-bażi tal-valuri l-iktar preċiżi possibbli għal-informazzjoni wżata. It-totali jistgħu ikun fihom differenzi żgħir minħabba xi aġġustamenti għall-iskop tal-preżentazzjoni. Daxx tindika valur li mhux eżistenti jew l-ebda valur u 0,0 jindika valur taħt il-limitu ta' l-aġġustament.

⁽⁵⁾ Artikolu 53(2).

Tabella 1
Aġenzija ta' l-Ambjent Ewropew (Copenhagen)

Oqsma tal-kompetenzi tal-Komunità li jidher mit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990	Funzjonijiet	Tmexxija Tajba	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija (data ta' l-2002)	Prodotti u servizzi provduti fl-2003
<p>Politika dwar l-ambjent</p> <p>Il-Politika Komunitarja dwar l-ambjent għandu jkollha l-mira ta' protezzjoni ta' livell għoli li tiegħu kont tad-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Komunità. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li azzjoni preventiva għandha tittieħed, li l-ħsara lil-ambjent għandha, bħala prijorità tis-sewva fras il-għajn u li min iniggeż għandu jħallas. (...)Fil-preparazzjoni tagħha tal-politika (...) l-Komunità għandha tiegħu in konsiderazzjoni dati xjentifiċi u tekniċi eżistenti (...)</p> <p>(Artikolu 174 tat-Trattat)</p>	<p>Objettivi</p> <p>Li twaqqaf network Ewropew ta' osservazzjoni ta' l-ambjent biex jipprovi l-Komunità u l-Istati Membri b'informazzjoni ta min-jogħod fuqha sabiex huma jkunu jsigħu:</p> <p>(a) jieħdu l-azzjoni meħtieġa sabiex jipproteġu l-ambjent;</p> <p>(b) jevalwaw l-implimentazzjoni tagħha;</p> <p>(c) jżguraw li l-pubbliku għandu tagħrif tajjeb fuq l-istat ta' l-ambjent.</p>	<p>Funzjonijiet</p> <p>— Li tagħti l-Komunità u l-Istati Membri l-informazzjoni meħtieġa</p> <p>— Li tirreġistra u tistma l-informazzjoni dwar l-istat ta' l-ambjent u tħejji rapporti dwar il-kwalità</p> <p>— Li tiżgura li l-informazzjoni fuq l-ambjent hija kumparabbli fuq livell Ewropew</p> <p>— Li tippromwovi l-informazzjoni ta' l-informazzjoni fuq l-ambjent fl-Ewropa fil-programmi ambjentali</p> <p>— Li tippubblika rapport kull ħames snin fuq l-istat, il-bidliet u l-prospetti fl-ambjent</p> <p>— Li tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' l-applikazzjoni ta' tekniki ta' b'ambjent ambjentali, kif ukoll metodi ta' stima ta' l-ispejjeż tal-ħsara għall-ambjent, u l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-teknoloġija fuq il-prevenzjoni ta' ħsara</p>	<p>1 Bord Maniġerjali</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>— rappreżentant minn kull Stat Membru</p> <p>— Żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni</p> <p>— Żewġ xjentisti maħtura mill-Parlament Ewropew</p> <p><i>Funzjonijiet</i></p> <p>Li jadotta l-programm tax-xogħol u jiżgura li qed jiġi implimentat</p> <p>2 Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord Maniġerjali fuq il-proposta tal-Kummissjoni</p> <p>3 Forum Konsultattiv</p> <p>Magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru: id-Direttur Eżekuttiv jagħti parir</p> <p>4 Kumitat Xjentifiku</p> <p>Magħmul minn persuni kwalifikati fil-qasam ta' l-ambjent li huma maħtura mill-Bord Maniġerjali</p> <p>5 Verifika Esterna</p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p>6 Awtorità ta' approvazzjoni</p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill</p>	<p>Baġit Finali</p> <p>27.5 miljun euro (25.1 miljun euro), Kontribuzzjoni tal-Komunità: 77 % (76 %)</p> <p>Numru ta' l-istaff fil-31 ta' Diċembru 2003</p> <p>Numri ta' postijiet fil-pjan ta' stabbiliment: 111 (106)</p> <p>Postijiet meħuda: 95 (85)</p> <p>+ 16 (26) Staff ieħor (kuntratti awżiljari, esperti nazzjonali ssekondati, staff lokali, staff temporarju)</p> <p>Staff totali: 111 (111)</p> <p>mogħtija d-dmijiet li ġejjin: operazzjonali: 69 (69)</p> <p>amministrattivi: 41 (41)</p> <p>mħallta: 1 (1)</p>	<p>— Xogħol ta' appoġġ u provvediment għall-indikaturi għar-rapport ta' Sintesi fuq żvilupp sostenibbli</p> <p>— Indikaturi dwar l-istat ta' l-ambjent fl-2003</p> <p>— Analiżi u stima tal-gassijiet li jsaħħnu l-atmosfera (1990-2020)</p> <p>— Finalizzar tar-rapport Kiev (l-istat ta' l-ambjent fil-pajjiżi kandidati ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant)</p> <p>— Tlett seminars organizzati waqt il-Presidenza Griega fil-Kunsill</p> <p>— Provvediment ta' indikaturi ambjentali foqma speċifiċi (is-settur tat-trasport fil-pajjiżi kandidati, ir-reġjun ta' Danubju — il-Baħar l-Iswed)</p> <p>— Għajuna fl-armonizzar ta' l-informazzjoni</p> <p>— Tmexxija tan-network EIONET (Network ta' l-informazzjoni u l-osservazzjoni ta' l-ambjent Ewropew)</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

Tabella 2
Aġenzija ta' l-Ambjenti Ewropew — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2003

Sors tad-dħul		Nefqa																			
		Dħul		Allokazzjoni ta' nefqa				Appropriazzjonijiet fil-Baġit finali				Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja ta' qabel				Appropriazzjonijiet disponibbli (baġit 2003 u s-sena finanzjarja 2002)					
	Dħul reġistral fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur					reġistrali	impen- jati	imhall- sa	trasfe- riti	kan- ċellati	reġis- trati	impen- jati	imhall- sa	trasfe- riti	kan- ċellati	dispo- nibbli	impen- jati	imhall- sa	trasfe- riti	kanċel- lati
Sussidji tal-Kommunità	21,4	21,4	Titolu I Staff				11,5	11,5	11,1	0,3	0,1	1,4	1,4	0,8	0,3	0,3	13,0	13,0	11,9	0,7	0,4
Sussidji oħra	6,1	8,4	Titolu II Amministrazzjoni				2,9	2,8	2,4	0,4	0,0	0,3	0,2	0,2	0,0	0,1	3,1	3,1	2,6	0,4	0,1
Dħul ieħor	0,0	0,1	Titolu III Nefqa ta' xogħol				13,1	13,0	6,0	7,0	0,1	5,9	5,6	4,9	0,8	0,3	19,0	18,6	10,9	7,8	0,4
Total	27,5	29,9	Total				27,5	27,4	19,6	7,7	0,2	7,6	7,3	5,8	1,1	0,6	35,1	34,6	25,4	8,9	0,9

NB: Il-totali jisgħu jkun fihom differenzi minħabba l-effett ta' aġġustamenti.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija. Dawn it-tabelli jgħbr u qosor l-informazzjoni fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

Tabella 3

Aġenzija ta' l-Ambjent Ewropew — Kontijiet tad-dħul u nefqa għas-snin finanzjarji 2003 u 2002

(1 000 euro)

	2003	2002
Dħul		
Sussidji Komunitarji	21 380	18 749
Sussidji oħrajn	8 423	1 136
Dħul ieħor	89	198
Dħul totali (a)	29 891	20 083
Nefqa		
<i>Staff — Titolu I tal-baġit</i>		
Pagamenti	11 123	9 714
Approprjazzjonijiet miġjuba ' l quddiem	315	1 018
<i>Amministrazzjoni — Titolu II tal-baġit</i>		
Pagamenti	2 447	2 054
Approprjazzjonijiet miġjuba ' l quddiem	395	247
<i>Nefqa tax-xogħol — Titolu III tal-baġit</i>		
Pagamenti	5 997	6 493
Approprjazzjonijiet miġjuba ' l quddiem	7 008	5 611
Nefqa totali (b)	27 284	25 136
Kwantitajiet maħdumin għas-sena finanzjarja (a – b)	2 607	– 5 053
Bilanċ miġjub il-quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel	– 7 427	– 3 275
Approprjazzjonijiet miġjuba ' l quddiem u kanċellati	617	889
Sommom għall-użu mill-ġdid mis-sena finanzjarja ta' qabel li ma kienux ġew użati	36	8
Differenzi fir-rata ta' kambju	– 4	4
Aġġustamenti	– 18	0
Bilanċ għas-sena finanzjarja	– 4 190	– 7 427

NB: It-totali jistgħu jkun fihom differenzi minhabba aġġustamenti.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija. Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor l-informazzjoni fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

Tabella 4

Aġenzija ta' l-Ambjent Ewropew — Karta ta' bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2003 u fil-31 ta' Diċembru 2002

(1 000 euro)

Attiv	2003	2002	Passiv	2003	2002
Assi fissi			Kapital proprju		
Tagħmir tal-kompjuter	1 366	1 847	Kapital proprju	1 265	1 295
Tagħmir u għamara	2 302	2 254	Bilanċ għas-sena finanzjarja	- 4 190	- 7 427
Assi finanzjarji fissi	425	405	<i>Total Parzjali</i>	- 2 925	- 6 133
Deprezzament	- 2 860	- 3 237	Passiv kurrenti		
<i>Total Parzjali</i>	1 232	1 269	Kummissjoni	3 124	5 263
Stokks			Kontributori oħra	1 066	2 270
Provvisti għall-uffiċċju	33	26	Trasferimenti awtomatiċi	8 852	7 591
<i>Total Parzjali</i>	33	26	Debituri varji pagabbli	0	769
Assi kurrenti			Tnaqqis mis-salarji	417	111
Sussidji komunitarji	3 124	5 263	<i>Total Parzjali</i>	13 460	16 003
Sussidji oħra	1 066	2 270	Kontijiet temporanji u dħul differit		
Ordinjiet ta' rkupru	65	226	Sommom għall-użu mill-ġdid	212	175
Kontijiet varji riċevibbli	127	153	Ordinjiet ta' rkupru	65	226
VAT li ser ikun rkuprat	232	266	<i>Total Parzjali</i>	277	400
<i>Total Parzjali</i>	4 614	8 178			
Kontijiet tal-flus kontanti					
Kontijiet tal-bank	4 892	740			
Kontijiet tal-flus akkont	40	40			
<i>Total Parzjali</i>	4 932	780			
Kontijiet temporanji u akkumulazzjoni					
Kontijiet temporanji	0	18			
<i>Total Parzjali</i>	0	18			
Total	10 811	10 271	Total	10 811	10 271

NB: It-totali jstgħu jkun fihom differenzi minhabba aġġustamenti.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija. Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor l-informazzjoni fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

RISPOSTI TA' AĠENZIJA

7. u 8. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tirrikonoxxi l-bżonn li tiġi rinforzata l-ġestjoni ta' l-irkupri u l-ħtieġa għal tqabbil regolari tal-kontijiet

Sabiex tpatti għall-limitazzjonijiet tar-riżorsi u biex jiżdedu l-kapaċitajiet, ġie deċiż li jiġi rreklutat akkawntant fuq livell ta' amministratur skond il-pjan tat-twaqqif 2004.

Fi żmien qasir, se tiġi stabbilita forza ta' ħidma ta' l-EEA dwar l-kontabilità sabiex tassigura operazzjonijiet korretti u regolari matul is-sena, biex timplimenta *accrual accounting* u biex tipprepara l-għeluq tal-kontijiet skond il-livelli u l-ħtiġijiet neċessarji.